26 ta' April, 1948.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri. B.Litt., LL.D.

Nazzareno Ciantar et. *versus* Paolo Cortis

**Lokazzjoni — Retratt — Żgumbrament — Art. 1665 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Skond il-prinċipji ta' l-aħjar interpretazzjoni u loġika ġuridika, id-dispożizzjoni ta' l-art. 1665 tal-Kodiċi Ċivili għandha tiftiehem fis-sens illi l-akkwirent ta' immobili ma jistax, qabel ma jispira u jagħlaq it-terminu ta' l-irkupru, jipprevalixxi ruħu mill-fakoltà eċċezzjonali li l-aljenant ikun irriżerva li jxolji l-lokazzjoni li tkun*

*miexja fil-kors taż-żmien ta' l-aljenazzjoni, u mhux fis-sens li ma jistax jikkostringi lill-kondut tur jirrilaxxja l-fond meta tkun spiċċat il-lokazzjoni, anki jekk iż-żmien ta' l-irkupru jkun għadu ma spirax.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi talbu li, billi huma proprjetarji tal-ġnien imsemmi "il-Ġardin ta' l-Abatija" sitwat fil-limiti tar-Rabat, Malta, liema ġnien kien mikri lill-konvenut; u billi huma ntimaw lill-konvenut li ma kienux disposti jirrinnovaw għaf-favur tiegħu l-lokazzjoni ta' l-imsemmi ġnien wara l-Għid ta' l-1948, per mezz ta' ittra uffiċjali tat-13 ta' Frar 1948; wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi minn dina l-Qorti ordnat li jiżgombra mill-ġnien fuq imsemmi fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss mill-istess Qorti. Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Frar 1948;

*Omissis;*

Mill-attijiet tal-kawża jidher li l-attur jammetti li r-retratt imsemmi mill-konvenut għadu miexi u huwa jikkontestah, kif ukoll il-konvenut jammetti li l-oġġett tal-kawża huwa ġnien u li l-lokazzjoni oriġinali spirat;

Illi skond il-ġurisprudenza tagħna, l-art. 1665 tal-Kodiċi Ċivili, skond il-prinċipji ta' l-aħjar interpretazzjoni u loġika ġuridika, għandu jiftiehem fis-sens li l-akkwirent ta' immobili ma jistax, qabel ma jispira u jagħlaq it-terminu tar-retratt, jipprevalixxi ruħu mill-fakoltà eċċezzjonali li jkun l-aljenant irriżerva li jxolji l-lokazzjoni li tkun miexja fil-kors taż-żmien ta' l-aljenazzjoni, u mhux fis-sens li ma jistax jikkostringi lill-kondut tur jirrilaxxja l-fond meta tkun spiċċat il-lokazzjoni, anki jekk iż-żmien ta' l-irkupru jkun għadu ma spirax (ara Appell 21 ta' Ottubru 1884, "De Battista vs. Calleja" u "De Battista vs. Mangion". Kollez. Vol. X, 587 u 588; kif ukoll Prim'Awla Ċivili 7 ta' Ottubru 1899, "Scicluna vs. Micallef et." Vol. XVII, paġ. 134 ,in ispeċje paġ. 136; u Vol. XXII, P. I, Sez. III, paġ. 310, "Farrugia utrinque");

Illi taħt iċ-ċirkustanzi riżultati, kwindi, il-kjamata in kawża mitluba ma hemmx lokha, għal raġunijiet wisq evidenti;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi, u għall-finijiet ta' l-iżgumbrament tagħti lill-konvenut xahar żmien; salvi d-drittijiet tiegħu, "si et quatenus", għall-benefikati. L-ispejjeż għall-konvenut.